# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti ta' Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

## *Skużat*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill li jikkonsidra lill-Kunsiller is-Sur Noel Scerri bħala skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disgħa u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tad-Disgħa w Għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014 kif ippreżentati. Is-Sur Anthony Buħaġiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Proposti għall-Programm ta' Inawgurazzjoni ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono beda d-diskussjoni fuq is-suġġett imsemmi billi saqsa għal xi suġġerimenti dwar id-data possibbli li l-Kunsill jista' jinawgura l-Ftugħ Uffiċċjali tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. Huwa ppropona li l-ftugħ isir nhar l-14 ta' Marzu 2014 billi d-data kif proposti fis-seduta ta' qabel jiġifieri d-9 ta' Marzu taħbat mall-Festi ta' Jum il-Mara.

3.2 Dwar il-programm ta' ftugħ kien hemm varji suġġeriment iżda wara diskussjoni fit-tul is-Sur Francis Debono ppropona li l-programm jkun jikkonsisti f'qari dwar il-Lokalita' u l-Ħidma tal-Kunsill biex wasal biex jibni dan il-bini għall-benefiċċju u servizzi oħrajn għall-Poplu Marsi. Huwa ppropona li jiġi nkarigat mill- mużika għal din l-okkazzjoni l-Grupp Vitruosi u l-preżentatur u l-qarrej jkunu is-Sur Paul Dimech u s-Sur Charles Saliba. Il-mistidnin għal din l-okkazzjoni għandhom ikunu, d-Deputati Parlamentari tad-Distrett kollhu, r-residenti tal-Lokalita', d-Direttur tal-Kunsilli Lokali, s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Jose' Herrera u l-Prim Ministru Dr Joseph Muscat li ser ikun qed jinawgura dan il-bini. Diskorsi għall-okkazzjoni għandhom isiru mis-Sindku , mill-Prim Ministru u mis-Segretarju Parlamentari Dr Jose' Herrera. Din iċ-ċerimonja għandha tibda fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm) sabiex tinxtegħel il-faċċata tal-Kunsill u tiġi apprezzata aħjar mill-mistiednin.

3.3 Wara diskussjoni li saret fuq l-irħama kommemorattiva li trid titwaħħal għall-okkazzjoni ġie propost mis-Sindku li tinxtara rħama sewda li ssir quddiem it-taraġ fuq il-Pont ta' San Tumas li jkollha din l-iskrizzjoni:

"Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill għall-Benefiċċju u s-Servizz tal-Komunita' Marsija. Inawgurat mill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat u s-Sindku s-Sur Francis Debono nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2014."

3.4 Barraminhekk ġie propost wkoll li fuq il-ħajt tal-lift issir plakka ta' l-Stainless Steel bl-iskrittura:

" Fl-Okkazzjoni tal-Ftugħ Uffiċċjali tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2014 mill-Kunsilliera preżenti li huma:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Francis Debono |
| Il-Viċi Sindku | Josef Azzopardi |
| Kunsillier | Dominic Spencer |
| Kunsillier | Anthony Buhagiar |
| Kunsillier | Noel Scerri |
| Kunsillier | Joseph Grima |
| Kunsillier | Joseph Cachia |

Fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali l-Onor. Dr Jose' Herrera."

3.5 Waqt id-diskussjoni ġie ppropost mis-Sindku s-Sur Francis Debono li jinħarġu kwotazzjonijiet b'urġenza għal xiri ta' mejda tal-konferenzi u s-siġġijiet, siġġijiet ta' l-Uffiċċju u tar-reception area fost l-oħrajn. Barra minekk huwa talab li l-affarijiet li l-amministrazzjoni tħoss li trid tixtri l-Kunsill jagħti l-permess li jinxtraw minnufih fosthom: railing ta' l-istainless steel għal quddiem il-lift, alarm, doorbell, glass door remote control, 32inch Flat Screen, letter box , kitchen stools, coat hangers, umbrella holders, dustbins, toilet accessories, telephones, kitchen ware u affarijiet oħra li jkun hemm bzonn.

3.6 Wara diskussjoni dwar il-possibilta' li tingħata tifkira ta' l-okkazjoni, s-Sindku ppropona li tingħata biro lil kull residenti u mistidnin filwaqt li għal din l-okkazzjoni jingħata rigal lill-Prim Ministru u lis-Segretarju Parlamentari flimkien mall-Kunsilliera bħal per eżempju muftiegħ antik bl-arma tal-Kunsill jew xi ħaġa simili li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill issib fis-suq. Barra minhekk għandu jsir kejk forma tal-Bini għall-okkazzjoni wkoll. Ġie deċiż u propost li jsir invit uffiċċjali lis-Sindku u l-Membri ta' l-Assocjazzjoni Marsa Bridgwater għal din iċ-ċerimonja tal-ftugħ kif ukoll li l-letterheads u l-business cards tal-Kunsill jkunu mibdulha sa dak inhar. Is-Sindku talab sekondant għal dawn il-proposti kollha. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Joseph Grima ħareġ mis-sala fis-sebgħa ta' filgħaxija.

3.7 Barra minhekk ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jara kemm tiġi tiswa l-arma tal-Kunsill bil-ħġieġ jew materjal ieħor li tista' titwaħħal fin-nofs tal-poġġaman. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. *Aġġornament tal-Laqgħa*

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2014 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa w nofs ta' filgħaxija (7.30pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Ezekuttiv